Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 557/2015

Il-Pulizja

Spettur Edel Mary Camilleri

Vs

Kurt Camilleri

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kurt Camilleri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 51198 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-5 ta' Settembru, 2015, ghall-habta tal-4.45hrs ta' wara nofsinhar, gewwa l-parkegg ta' Gianpula, Rabat, Malta:

1. Volontarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied;
2. U aktar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBP437 ta' l-ghamla Nissan Juke.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza (cioe ta' ksur ta' bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied), filwaqt li sabitu hati tat-tieni akkuza (cioe ta' hsara voolontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBP 437 ta' l-ghamla Nissan Juke) u kkundannatu multa ta' mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghoba tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn ddikjarat lill-appellat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni (cioe ta' ksur ta' bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat, storbju jew glied) u fil-parti fejn sabet l-appellat hati tat-tieni imputazzjoni (cioe ta' hsara voolontarja fuq vettura li hija propjeta pubblika); u
2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-pien, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-esponent Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-16 ta' Dicembru, 2015 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravate bihom in kwantu li l-Qorti tal-Magistrai erogat il-piena illi fil-kwantita' taghha hija differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellat instab hati.

Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qieghed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi hekk kif l-esponent diga spjega aktar il' fuq, l-appellat instab hati ta' hsara volontarja ta' propjeta pubblika (cioe ta' vettura li hija propjeta tal-Ministeru tal-Finanzi), liema hsara tammonta ghal €623.32;

Illi minn ezami akkurat tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li jittrattaw dwar hsara volontarja, cioe artikolu 325 (1), jirrizulta illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt timpani piena ta' mitt ewro.

Dana qieghed jinghad peress li artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> 325. (1) Kull min, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel, meta jinsab hati-
>
> (b) jekk l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elfejn u hames mitt ewro (2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin ewro (250), il-piena ta' prigunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;

Illi di piu, it-tilet proviso ta' l-artikolu 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta' Malta jipprovdi illi:

> Izda wkoll fil-kaz ta' hsara lill-propjeta pubblika, il-piena tizdied bi grad jew tnejn, u l-hati ghandu jigi kkundannat ihallas multa ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret.

Illi fil-kaz de quo, l-artikolu 325 (1) (b) u t-tielet proviso tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huma applikabbli stante illi l-hsara tal-vettura tammonta ghal, sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu tal-ewro (€623.32), u stante illi l-vettura kkoncernata hija propjeta tal-Ministeru tal-Finanzi u kwindi hja propjeta pubblika.

Illi ai termini ta' dan it-tielet proviso, l-awment fil-piena u l-multa huma tassattivi u mhux fakoltativi u ghaldaqstant il-Qorti hija obbligata illi zzid il-piena ta' prigunerija bi grad jew tnejn u timpani multa fuq l-appellat ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret fuq il-propjeta pubblika.

Illi, ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-tielet proiso ta' l-istess artikolu, il-piena li kellha tigi erogata mill-Qorti tal-Magistrati kellha tkun dik ta' perjodu ta' prigunerija bejn ghaxar xhur sa dsatax il-xahar, f' kaz ta' zieda bi grad jew bejn erbatax

il-xahar u hamsa u ghoxrin xahar ( f' kaz ta' zieda b' zewg gradi) flimkien ma multa ekwivalenti ghall-hsara lit kun saret fuq il-propjeta pubblika. Fil-kaz odjern, il-hsara kkagunata mill-appellat hija ta' sitt mija u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu (€623.32), hekk kif indikat a fol 8 ta' l-atti processwali u kwindi l-multa ghandha tkun ekwivalenti ghal tali ammont.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-13 ta' April 2016 li bih l-appellat issolleva in-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex fir-rassenja tal-fatti fil-qosor kif preskritt ad validitatem fl-artikolu 419(1) (a) tal-Kodici Kriminali, gie indikat erronjament mill-appellanti Avukat Generali il-hin li fih sehh l-allegat reat bhala dak tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar (16:45hrs), minflok dak indikat fl-akkuza tal-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghodu (4:45hrs).

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-qari ta' l-att promotur ta' appell huwa evidenti illi fir-rassenja tal-fatti fil-qosor maghmula fl-att promotur, l-Avukat Generali indika erronjament il-hin li fih gie kommess l-allegat reat bhala il-hamsa neqsin kwart ta' wara nofs in-nhar(16:45hrs) minflok kif indikat fl-akkuza u rapportat fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti bhala il-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghodu (4:45hrs). Illi l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali jelenka ir-rekwizti essenzjali mehtiega ghall-validita tar-rikors ta'l-appell meta jinghad testwalment:

**"Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità - (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-raġunijiet tal-appell; (ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza talqorti inferjuri."**

Issa l-ewwel rekwizit tal-"fatti fil-qosor" gie imfisser u interpretat superjorment fis-sentenzi **"Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, fejn dan ir-rekwizit gie riassunt fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet *:*

*“ (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b’ mod car u komplet , b’ mod li l-kontroparti tkun tista’ tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta, u b’mod li din il-Qorti tkun tista’ ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz* (sottolinjar tal-Qorti) *u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b’mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa.”*

Fuq kollox:

“*Ir-raisond’etre ta’l-artikolu 419(1)(a)(b)(c) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u il-legislatur ried li r-rikors ta’l-appell ghandu jkun redatt b’tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x’inhuma il-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant u x’inhu jitlob.*[1]”

Esposti allura dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, ma hemmx dubbju illi huwa evidenti illi f’dan il-kaz l-Avukat Generali ma naqasx milli jottempera ruhu ma’ dan ir-rekwizit stabbilit fl-artikolu 419 ghaliex dan ma huwiex il-kaz fejn l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti. Illi l-izball indikat fil-hin meta sehh l-allegat reat jidher li kien *lapsus kalami* li bl-ebda mod ma jinfluwixxi fuq l-essenza tal-fatti li jsawwru l-kaz u li b’xi mod jistghu jinfluwixxu fuq l-validita ta’ dan l-appell. Fuq kollox l-appellat certament jista’ jifhem dwar xhiex ghandu jiddefendi ruhu u id-difiza li ghandu iressaq ghal-lanjanza sollevata mill-Avukat Generali diretta lejn il-gudizzju ta’l-Ewwel Qorti fejn il-kwistjoni tal-hin indikat ta’l-akkadut fl-att promotur certament ma ghandu l-ebda portata fuq l-istess. Dan mhuwiex il-kaz fejn l-akkuza tirreferi ghal hin zbaljat fejn allura jinsorgi id-dubbju dwar il-hin meta gie kommess l-allegat reat, ghaliex dan ma humiex mess in diskussjoni f’dan l-istadju ta’ revizjoni, izda biss jirreferi ghal indikazzjoni zbaljata tal-hin indikat fil-fatti fil-qosor esposti mill-Avukat Generali fir-rikors ta’l-appell tieghu li certament ma jirrendiex l-appell tieghu bhala wiehed null.

[1] Il-Pulizija vs Joseph Galea App.Inf. 30/06/1995

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat w tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur